



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16987/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0464(NLE)

ACP 133
COAFR 450
COLAC 174
COASI 223
WTO 201
RELEX 1506

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Diċembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 791 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 791 final.

Mehmuż: COM(2023) 791 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.12.2023
COM(2023) 791 final

2023/0464 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija ġdid bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku. Magħruf qabel bħala l-“Grupp ta' Stati AKP” (AKP), il-grupp sar l-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), organizzazzjoni internazzjonali, f'April 2020.

Sa mis-sena 2000, il-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou kien il-qafas li jiggwida r-relazzjonijiet bejn l-UE u d-79 pajjiż tal-AKP. Huwa bbażat fuq id-djalogu politiku, u l-kooperazzjoni ekonomika, kummerċjali u ta' żvilupp. Il-Ftehim, rivedut fl-2005 u fl-2010, skada fl-aħħar ta' Frar 2020. Madankollu, peress li s-sħab kienu jeħtieġu aktar żmien biex jinneogzjaw il-Ftehim ta' Sħubija suċċessur (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”) u n-naħa tal-UE biex tlesti l-proċess intern tagħha biex tapprova l-iffirmar tal-Ftehim, l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Cotonou ġiet estiża b'mod tranżitorju għal ħames darbiet: inizjalment sal-31 ta' Diċembru 2020, u sussegwentement sat-30 ta' Novembru 2021, it-30 ta' Ġunju 2022, it-30 ta' Ġunju 2023 u l-31 ta' Ottubru 2023. Il-Ftehim ġie ffirmat fil-15 ta' Novembru 2023 mill-UE u mill-Istati Membri tagħha u mill-membri tal-OSAKP¹. Skont l-Artikolu 98(4) tal-Ftehim, l-applikazzjoni proviżorja tiegħu se tibda fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-iffirmar. Sabiex jiġi evitat vojt ġuridiku fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-AKP, il-Ftehim attwali se jiġi soġġett għal tiġdid tal-estensjoni tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2023.

Huwa meħtieġ ħafna ftehim modernizzat biex jaġġorna r-relazzjoni UE-AKP biex tirrifletti l-ambizzjoni ġdida li tirriżulta mill-ħtiġijiet u l-isfidi emerġenti. Aktar interkonnessa minn qatt qabel, id-dinja nbidlet ħafna minn meta ġie adottat il-Ftehim ta' Cotonou, u hekk ukoll l-UE, is-sħab tagħha u l-aspirazzjonijiet konġunti tagħhom.

In-negozjati dwar ftehim ġdid bdew f'Settembru 2018, f'tit wara li l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jifflu negozjati, u jinneogzjaw f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar id-dispożizzjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, ta' Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-pajjiżi tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra u adotta direttivi ta' negozjati f'Ġunju 2018. Matul in-negozjati, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew ġew infurmati regolarment. Il-kumitat speċjali stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati ġie kkonsultat matul in-negozjati. Il-Kapijiet Negożjaturi inizjalaw l-abbozz ta' test tal-Ftehim fil-15 ta' April 2021, bl-eċċezzjoni tad-definizzjoni tal-partijiet għall-Ftehim.

L-għan ġenerali tal-Ftehim huwa li jistabbilixxi sħubija politika ambizzjuża u msaħħa, li tintroduċi dinamika ġdida u li tmur lil hinn mill-kooperazzjoni tradizzjonali għall-iżvilupp. Fil-Ftehim, se jingħataw setgħat lil kull reġjun. Dan se jippermetti lill-UE u lill-membri tal-OSKAP jiksibu ambizzjonijiet akbar fil-livell lokali, nazzjonali, reġjonali u dak internazzjonali.

L-objettivi speċifiċi tal-Ftehim il-ġdid huma li:

¹ F'konformità mar-Regolament 2015/2264 dwar it-tnaqqis gradwali tad-deroga tal-lingwa Irlandiża, il-ftehimiet internazzjonali jiġu tradotti fl-Irlandiż mill-1 ta' Jannar 2022 biss.

1. jiġu promossi, protetti u rrispettati d-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
2. jinbnew stati u soċjetajiet paċifiċi u reżiljenti, filwaqt li jiġi indirizzat it-theddid li għaddej u dak emerġenti għall-paċi u s-sigurtà;
3. jitrawwem l-iżvilupp soċjali u tal-bniedem, u b'mod partikolari jinqered il-faqar u jiġu indirizzati l-inugwaljanzi, filwaqt li jiġi żgurat li kulħadd igawdi haġja ta' dinjità u li jitħalla jibqa' lura, b'attenzjoni speċjali mogħtija lin-nisa u lill-bniet;
4. jiġi mobilizzat l-investiment, jiġi appoġġat il-kummerċ u jitrawwem l-iżvilupp tas-settur privat, bil-ħsieb li jinkiseb tkabbir sostenibbli u inklużiv u jinħolqu impjiegi deċenti għal kulħadd;
5. jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, jiġi protett l-ambjent u tiġi żgurata l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali; u
6. jiġi implimentat approċċ komprensiv u bilanċjat għall-migrazzjoni, sabiex jinkisbu l-benefiċċji ta' migrazzjoni u mobilità sikuri, ordnati u regolari, titwaqqaf il-migrazzjoni irregolari, filwaqt li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħha, b'rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali u f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tal-Partijiet.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li nkisbu l-oġettivi stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu u li t-test negozjat huwa aċċettabbli għall-Unjoni.

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-Ftehim ġie nnegozjat f'konformità mad-direttivi ta' negozjati komprensivi adottati mill-Kunsill f'Ġunju 2018² dwar ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, li bniet fuq evalwazzjoni preċedenti, valutazzjoni tal-impatt u komunikazzjoni. Dawn id-dokumenti ta' gwida kollha qiesu l-politiki u l-istrateġiji rilevanti tal-UE fid-diversi oqsma kkonċernati, kif ukoll dawk tas-sħab tal-UE inkluż l-Aġenda 2063 tal-Unjoni Afrikana, l-Istrateġija Konġunta Afrika-UE tal-2007 (Joint Africa-EU Strategy, JAES), l-Istrateġija ta' Sħubija Konġunta UE-Karibew tal-2012, u l-Istrateġija tal-2006 għal Sħubija Msaħħa mal-Gżejjer tal-Paċifiku.

Is-sħubija l-ġdida tibni fuq diversi standards u miri miftiehma internazzjonalment. L-aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (SDGs), u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima huma fil-qalba tal-Ftehim u tal-azzjoni futura tas-Sħab.

² Id-direttivi ta' negozjati jibnu fuq evalwazzjonijiet preċedenti, valutazzjoni tal-impatt, komunikazzjoni u rakkomandazzjoni:

- o Ir-Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku. COM (2017) 763 final.
- o KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL. Sħubija mġedda mal-pajjiżi tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku. JOIN 2016 (52) final.
- o DOKUMENT TA' ĦIDMA KONĠUNT TAL-PERSUNAL. Evalwazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou. SWD(2016) 250 final.
- o DOKUMENT TA' ĦIDMA KONĠUNT TAL-PERSUNAL VALUTAZZJONI TAL-IMPATT li jakkumpanja d-dokument ta' KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Sħubija mġedda mal-pajjiżi tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku. SWD (2016) 380 final. JOIN (2016) 52 final. SWD (2016) 381 final.
- o DOKUMENT TA' KONSULTAZZJONI KONĠUNT Lejn sħubija ġdida bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku wara l-2020. JOIN (2015) 33 final.

B'mod aktar speċifiku fil-livell tematiku, il-Ftehim huwa allinjat bis-sħiħ mal-politiki eżistenti tal-UE:

- F'konformità mal-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea³, il-Ftehim ser jikkontribwixxi biex jinbnew soċjetajiet inklużivi, paċifiċi u reżiljenti. Huwa jrawwem approċċ komprensiv u integrat lejn il-kunflitti u l-kriżijiet u għandu l-għan li jindirizza l-kawżi ewlenin tagħhom, flimkien ma' theddid għas-sigurtà ġdid jew li qed jespandi, bħat-terroriżmu, il-finanzjament tiegħu u l-estremiżmu vjolenti biex insemmu ftit minnhom. Id-djalogu ta' sħubija se jkun kruċjali fl-appfondiment ulterjuri tal-azzjonijiet f'dawn l-oqsma u, b'mod aktar ġenerali, fl-oqsma kollha koperti mis-sħubija. Filwaqt li jrawwem aktar kooperazzjoni politika, il-Ftehim jafferma mill-ġdid l-importanza tal-kooperazzjoni f'fora internazzjonali, iżda wkoll li jinbnew alleanzi fix-xena globali biex tinkiseb sistema multilaterali effettiva.
- F'konformità mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp⁴, il-Ftehim jinkludi impenji komprensivi ispirati mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (Sustainable Development Goals, SDGs) skont l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti, u li se jikkontribwixxu biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. L-approċċ iffukat fuq in-nies tal-Ftehim iqis l-aspetti varji u interkonnessi tal-iżvilupp sostenibbli, kemm ekonomiċi, soċjali, ambjentali kif ukoll relatati mas-sigurtà. Dawn id-dimensjonijiet importanti kollha, flimkien ma' elementi trasversali oħra, bħaż-żgħażaġh, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem, jikkomplementaw lil xulxin u ngħataw importanza partikolari. Flimkien, is-sħab se jaħdmu biex jiproteġu l-pjaneta, jeqirdu l-faqar fil-forom kollha tiegħu, jindirizzaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-koeżjoni soċjali.
- F'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew⁵, u l-politiki ambjentali tal-UE, il-Ftehim jirrikonoxxi l-ħtieġa li tittieħed azzjoni urġenti f'diversi livelli biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-pjaneta u tiġi miġġielda t-theddida serja li tirriżulta mit-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali, u l-użu insostenibbli tar-riżorsi naturali. Is-sħab għandhom l-għan li jsaħħu r-rispons globali għat-tibdil fil-klima, jibnu r-reżiljenza u jaqdu rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, li se jaġixxi bħala qafas ġenerali li jiggrwida s-sħubija.
- F'konformità mal-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil⁶, u l-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni, il-Ftehim jadotta approċċ komprensiv u bilanċjat, li jindirizza b'mod koerenti d-diversi dimensjonijiet interkonnessi kemm tal-migrazzjoni legali kif ukoll dik irregolari biex irawwem migrazzjoni u mobilità ġestiti tajjeb.
- Il-proposta hija wkoll kompletament konsistenti ma' politiki rilevanti oħra tal-Unjoni relatati mal-prijoritajiet stabbiliti, bħall-enerġija, l-edukazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-impjiegi, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u l-kummerċ.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għall-konklużjoni tal-Ftehim huwa l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) moqri flimkien mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

³ [Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea](#)

⁴ [Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp](#)

⁵ [Patt Ekoloġiku Ewropew](#)

⁶ [Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil](#)

Meta adotta d-deċiżjoni tiegħu li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim ta' Sħubija mal-pajjiżi tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), il-Kunsill adatta t-titolu u l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni rakkomandata fis-sens li l-Ftehim ta' Sħubija huwa determinat bħala "mħallat"⁷. Barra minn hekk, ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, adottaw deċiżjoni intergovernattiva separata li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegożja f'isimhom dispożizzjonijiet tal-applikazzjoni proviżorja li jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri⁸. In-negożjati ġew konklużi b'suċċess fil-15 ta' April 2021, bl-eċċezzjoni tad-definizzjoni tal-partijiet. Fil-11 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għamlet proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bħala Ftehim tal-UE biss. Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta d-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bħala ftehim imhallat⁹. Wara d-deċiżjoni tal-Kunsill, u sabiex jiġi evitat li l-konklużjoni mill-Unjoni Ewropea tiddewwem fil-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ddeċidew li jippreżentaw l-abbozz ta' proposta meħmuż għall-konklużjoni tal-Ftehim bħala ftehim imħallat.

- **Proporzjonalità**

Din l-inizjattiva ssegwi b'mod dirett l-oġettiv tal-Unjoni fl-azzjoni esterna u tikkontribwixxi għall-prijorità politika tal-"UE bħala attur globali aktar b'saħħtu". Hija konformi mal-orjentazzjonijiet tal-Istrateġija Globali tal-UE biex tikkooopera ma' atturi oħra u tagħti spinta lis-sħubijiet esterni tagħha b'mod responsabbli, sabiex tikseb il-prijoritajiet esterni tal-UE. Il-proposta ssaħħa il-kooperazzjoni mar-reġjuni rispettivi, billi tippermetti approċċ aktar imfassal apposta u tappoġġa l-istrateġija komprensiva tal-UE mal-Afrika. Il-Ftehim propost jiffaċilita wkoll l-interazzjonijiet bejn id-diversi livelli ta' governanza.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija f'konformità mal-Artikolu 218(6) TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill tad-deċiżjonijiet dwar ftehimiet internazzjonali. Ma jeżisti ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Kien importanti għall-UE u s-sħab tagħha li jqisu t-tagħlimiet meħuda mill-kooperazzjoni fit-tul tagħhom. Bħala parti mit-tnejn ta' politika għal Ftehim ta' Sħubija ġdid mal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, twettqu għadd ta' evalwazzjonijiet u konsultazzjonijiet

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jifflu negozjati, u jinnegożjaw f'isem l-Unjoni, dwar id-dispożizzjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, ta' Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-pajjiżi tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, ST 9426 2018 INIT.

⁸ Id-Deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tinnegożja, f'isem l-Istati Membri, dwar id-dispożizzjonijiet li jaqgħu fil-kompetenzi tal-Istati Membri, ta' Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-pajjiżi tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, ST 9426 2018 INIT.

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill [kif tinsab fid-dokument tal-Kunsill 8371/23 DCL 1] tal-20 ta' Lulju 2023 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), min-naħa l-oħra.

speċifiċi qabel, u matul, in-negożjati kemm biex jiġu kkonsultati l-fehmiet tal-pubbliku, tal-partijiet ikkonċernati u tas-sħab kif ukoll biex jinsiltu konklużjonijiet mill-kooperazzjoni UE-AKP fl-aħħar deċennji. Dawn jistgħu jinġabru f'żewġ kategoriji:

- Evalwazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou (Cotonou Partnership Agreement, CPA)
- Konsultazzjonijiet pubbliċi

Il-konklużjonijiet u r-riżultati relatati ġew ikkunsidrati u huma riflessi fil-Ftehim propost.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fl-2016, ġiet ippubblikata valutazzjoni tal-impatt (SWD (2016) 0380 final) flimkien ma' Komunikazzjoni dwar ir-relazzjonijiet futuri tal-UE mal-pajjiżi AKP (JOIN 2016 (52) final), li serviet bħala bażi għar-rakkomandazzjonijiet sussegwenti tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati u d-direttivi ta' negozjati tal-Kunsill. Hija kellha l-għan li tiddetermina liema tip ta' format kien meħtieġ biex jiġu organizzati u rregolati bl-aħjar mod ir-relazzjonijiet mas-sħab fl-Afrika, fil-Karibew u fil-Paċifiku. Il-valutazzjoni tal-impatt identifikat diversi opzjonijiet u t-triq 'il quddiem ippreferuta, li fl-aħħar intgħażlet, u li fil-qosor hija kif ġej: *“L-opzjoni ppreferuta għall-UE hija dik ta' sħubija ġdida bejn l-UE u l-pajjiżi AKP, fil-forma ta' ftehim ġenerali li jinkludi “saqaf” li jelenka l-valuri, il-prinċipji u l-interessi komuni u jidentifika l-prinċipji ġenerali u t-toroq għall-kooperazzjoni fix-xena internazzjonali, u tliet sħubijiet li jistabbilixxu prijoritajiet u azzjonijiet speċifiċi għar-regġun biex jiġu implimentati rispettivament fl-Afrika, fil-Karibew u fil-Paċifiku.”*

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Wieħed mill-oġettivi tal-Ftehim huwa li dak li jippromwovi u jiddefendi d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif ukoll id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba. Dan huwa aspett importanti minħabba x-xena internazzjonali li qed tinbidel b'setgħat emerġenti li mhux neċessarjament jikkondividu dawn il-valuri u l-prinċipji. F'konformità mal-Approċċ komuni tal-UE dwar l-użu ta' klawżoli politiċi, f'każijiet ta' ksur tal-elementi essenzjali tal-Ftehim, il-Partijiet għandu jkollhom konsultazzjonijiet strutturati u sistematiċi. Meta ma tkunx tista' tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat, il-Parti notifikanti tista' tiegħu miżuri xierqa.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJI

Il-Ftehim ma fih l-ebda protokoll finanzjarju. L-UE timpenja ruħha li tagħmel disponibbli l-livell xieraq ta' riżorsi finanzjarji f'konformità mar-regolamenti u l-proċeduri interni tagħha.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rapportar**

L-implimentazzjoni tal-Ftehim se tiġi mmonitorjata permezz ta' djalogu regolari ta' sħubija, ref. Il-Parti Ġenerali, Parti I, Artikolu 3(1). Il-Protokoll Regionali fihom dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ, ref. Il-Protokoll Regionali Afrikan, Parti I,

Artikolu 6; Il-Protokoll Reġjonali tal-Karibew, Parti I, Artikolu 8 u l-Protokoll Reġjonali tal-Paċifiku, Parti I, Artikolu 8.

Il-Kunsill tal-Ministri tal-OSAKP-UE għandu jissorvelja l-implimentazzjoni effettiva u konsistenti tal-Ftehim u jadotta linji gwida ta' politika u jieħu deċiżjonijiet biex jagħti effett lill-aspetti speċifiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim, ref. Il-Parti Ġenerali, Parti V, Artikolu 88.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-eżitu tan-negozjati**

Il-Ftehim jistabbilixxi sħubija politika ambizzjuża u msaħħa bejn l-UE u l-membri tal-OSKAP, bl-oġettiv li jiġu ġġenerati eżiti ta' benefiċċju reċiproku dwar interessi komuni. Dan se jieħu l-forma ta' ftehim ta' assoċjazzjoni u se jiġi konkluż għal perjodu ta' għoxrin sena.

B'mod aktar strateġiku, il-Ftehim jestendi l-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tal-kooperazzjoni tas-sħab, bl-għan ġenerali li jibni soċjetajiet aktar b'saħħithom. Din is-sħubija mġedda hija kisba politika u tirrappreżenta żvilupp importanti. Hija tbiddel id-dinamika u ttejjeb ir-relazzjonijiet tas-sħab biex jiġu indirizzati l-aktar sfidi urġenti li speċifikament jiffaċċja kull reġjun. Il-Ftehim huwa f'sintonija mal-kuntesti reġjonali u globali, iżda wkoll mal-avvanzi, l-istandards u l-liġijiet l-aktar reċenti miftiehma internazzjonalment, u, l-aktar importanti, mal-ħtiġijiet tan-nies.

Dan joħloq qafas koerenti mal-pajjiżi sħab fil-livelli politiċi kollha, kemm nazzjonali, (sub)reġjonali kif ukoll f'livell ta' sħubija b'dimensjoni globali. Il-Ftehim jirakkomanda multilateraliżmu effettiv u jwitti t-triq għal aktar azzjonijiet politiċi u koordinati fix-xena dinjija fejn l-impatt tas-sħubija jista' jkun sinifikanti.

Struttura innovattiva “1 + 3”

Ir-relazzjoni tal-UE mal-membri tal-OSAKP ġiet approfondita, iżda ġiet ristrutturata ukoll biex tkun adegwata għall-użu, u tkun iċċentrata fuq it-tliet reġjuni. Għaldaqstant, il-Ftehim issa jikkonsisti minn:

1. **Parti Ġenerali** (il-Fondazzjoni) komuni għall-firmatarji kollha u magħmula minn:

Parti I - **Dispożizzjonijiet ġenerali**, li jippreżentaw l-oġettivi u l-prinċipji ġenerali.

Parti II - **Prijoritajiet strateġiċi**, maqsuma f'sitt titoli ewlenin:

- Titolu I - Id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza f'soċjetajiet iċċentrati fuq in-nies u bbażati fuq id-drittijiet
- Titolu II - Il-paċi u s-sigurtà
- Titolu III - L-iżvilupp tal-bniedem u l-iżvilupp soċjali
- Titolu IV - It-ktabbir u l-iżvilupp ekonomiċi inklużivi u sostenibbli
- Titolu V - Is-sostenibbiltà ambjentali u t-tibdil fil-klima
- Titolu VI - Il-migrazzjoni u l-mobilità

Parti III - **Alleanzi globali u kooperazzjoni internazzjonali**, li jiddeskrivu l-ambizzjonijiet politiċi ġodda fix-xena dinjija.

Parti IV - **Mezzi ta' kooperazzjoni u implimentazzjoni**, li jiddeskrivu r-riżorsi diversifikati biex jinkisbu l-oġettivi tas-sħubija.

Parti V - **Qafas istituzzjonali**, li jispjega l-konfigurazzjonijiet u s-sħab differenti involuti.

Parti VI - **Dispożizzjonijiet finali**, li jipprovdu dettalji dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim.

Anness I: Il-proċessi ta' ritorn u ta' riammissjoni.

Anness II: Operazzjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investment.

Il-Ftehim jistabbilixxi l-qafas istituzzjonali li se jirregola l-Ftehim ta' Sħubija, kemm fil-livell ta' Fondazzjoni kif ukoll f'dak reġjonali. B'mod partikolari, il-Parti Ġenerali tal-Ftehim (Fondazzjoni), li tapplika għall-firmatarji kollha, se titmexxa mill-Kunsill tal-Ministri tal-OSAKP-UE (li mistenni jiltaqa' kull tliet snin) appoġġat minn Kumitat tal-Ambaxxaturi, Summits possibbli tal-OSAKP-UE (bi ftehim konġunt) u Assemblea Parlamentari Konġunta ġdida OSAKP-UE (APK - laqgħa annwali u li l-membri tagħha huma wkoll membri tat-tliet assemblej parlamentari konġunti reġjonali).

2. **Tliet Protokoll Reġjonali** huma previsti bejn il-pajjiżi ta' kull reġjun u l-UE rispettivament. Kull protokoll huwa mfassal apposta għall-ħtiġijiet u d-dinamika tar-reġjuni u b'hekk huwa adatt biex jindirizza l-isfidi partikolari li dawn jiffaċċjaw. Skont din il-loġika, kull reġjun se jkollu l-istruttura istituzzjonali tiegħu biex tiggwida l-protokoll inkwistjoni. Din tinkludi laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri f'intervall miftiehem mill-Partijiet, Kumitat tal-Ambaxxaturi, il-possibbiltà ta' laqgħa fil-livell ta' Kapijiet ta' Stat/Gvern, u Assemblea Parlamentari Konġunta:

A. Protokoll Reġjonali għall-Afrika

Bi prijoritajiet imfassla apposta, dettaljati speċifikament skont il-ħtiġijiet tar-reġjun:

- It-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku inklużivi u sostenibbli
- L-iżvilupp tal-bniedem u l-iżvilupp soċjali
- L-ambjent, il-ġestjoni tar-riżorsi naturali u t-tibdil fil-klima
- Il-paċi u s-sigurtà
- Id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u governanza
- Il-migrazzjoni u l-mobilità

U governanza speċifika:

Kunsill tal-Ministri Afrika-UE, Kumitat Konġunt Afrika-UE; Assemblea Parlamentari Afrika-UE.

Il-Protokoll dwar l-Afrika se jiġi implimentat f'koerenza u komplementarjetà mas-sħubija bejn il-kontinenti, filwaqt li titqies il-gwida strateġika u politika tas-Summits bejn l-UE u l-UA. Huwa jinkoraġġixxi d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet transreġjonali u kontinentali ma' pajjiżi Afrikani li mhumix parti għall-Ftehim, ma' komunitajiet ekonomiċi reġjonali u atturi rilevanti oħra.

B. Protokoll Reġjonali għall-Karibew

Bi prijoritajiet imfassla apposta, dettaljati speċifikament skont il-ħtiġijiet tar-reġjun:

- It-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku inklużivi u sostenibbli
- Is-sostenibbiltà ambjentali, it-tibdil fil-klima u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali
- Id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza, il-paċi u s-sigurtà

- L-iżvilupp tal-bniedem u l-koeżjoni soċjali

U governanza speċifika:

Kunsill tal-Ministri Karibew-UE, Kumitat Konġunt Karibew-UE, Assemblée Parlamentari Karibew-UE.

C. Protokoll Reġjonali għall-Paċifiku

Bi prijoritajiet imfassla apposta, dettaljati speċifikament skont il-ħtiġijiet tar-reġjun:

- Is-sostenibbiltà ambjentali u t-tibdil fil-klima
- L-iżvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli
- L-oċeani, l-ibħra u s-sajd
- Is-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza
- L-iżvilupp tal-bniedem u l-iżvilupp soċjali

U governanza speċifika:

Kunsill tal-Ministri Paċifiku-UE, Kumitat Konġunt Paċifiku-UE, Assemblée Parlamentari Paċifiku-UE.

Sħubija ċċentrata fuq in-nies

Il-Ftehim imur lil hinn mill-predeċessur tiegħu f'diversi oqsma u jipprovdi opportunità biex ikun hemm rwol importanti f'ħaqqa oqsma.

Is-sħab se jikkontribwixxu biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (Sustainable Development Goals, SDGs), u l-għieda kontra t-tibdil fil-klima, bl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima bħala oqfsa globali li jiggwidaw is-sħubija.

Il-Ftehim ifittex li joħloq opportunitajiet ekonomiċi ġodda għal kulħadd. Tingħata attenzjoni speċjali lit-tkabbir sostenibbli u inklużiv u lill-ħolqien tal-impjiegi. B'mod partikolari, l-istimolu tal-investiment u l-iżvilupp tas-settur privat se jkun kruċjali biex jitħaffef l-iżvilupp sostenibbli, li għalih se jikkontribwixxu b'mod sinifikanti x-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali. Il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ekonomiċi u kummerċjali se tittejjeb ukoll, li tiffaċilita l-flussi bilaterali tal-kummerċ u tal-investiment, tnaqqas l-ostakli tekniċi għall-kummerċ, ittejjeb l-akkwist pubbliku u tipproteġi lill-proprjetà intellettuali. Il-ftehimiet kummerċjali eżistenti kollha, bħall-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE), se jibqgħu fis-seħħ. Il-kooperazzjoni bejn is-sħab se tikkontribwixxi biex jinżammu standards ambjentali, soċjali u tax-xogħol għoljin.

Dan imur id f'id ma' enfasi mġedda fuq it-tibdil fil-klima u s-sostenibbiltà ambjentali f'għadd ta' oqsma. Filwaqt li jirrikonoxxu l-urġenza li jieħdu azzjoni u li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni naturali jgħolqu theddida serja biex jinkiseb żvilupp sostenibbli, is-sħab ftehm u dwar impenji kbar biex jippreservaw u jipproteġi l-pjaneta, u l-ekosistemi u l-oċeani tagħha. F'konformità mal-miri tal-Ftehim ta' Pariġi, se jissahhaq ir-rispons għat-tibdil fil-klima. Se jsiru sforzi konġunti biex jiġu indirizzati l-adattament, il-mitigazzjoni u l-indirizzar aħjar tad-diżastri naturali. Dan huwa parti minn approċċ globali li jirrispetta l-ambjent, li jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli ta' ekonomija blu u jappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomiji aktar ekoloġiċi (b'emissjonijiet baxxi/effiċjenti fl-użu tar-riżorsi).

Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-membri tal-OSAKP għandha wkoll l-għeruq tagħha f'sett komuni ta' valuri u prinċipji universali. Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-dritt internazzjonali, il-prinċipji demokratiċi u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti

huma l-bażi għall-kooperazzjoni skont il-Ftehim. Dawn huma kkunsidrati bħala kwistjonijiet ewlenin biex jiżguraw li prijoritajiet reċiproċi oħra jiffjorixxu, bħall-impenji għall-istat tad-dritt u l-governanza tajba, li ssaħħu fil-Ftehim. L-istess jgħodd għall-paċi u s-sigurtà, fejn se jiġi indirizzat theddid ġdid jew emerġenti, bħall-piraterija u t-traffikar ta' bnedmin, id-drogi, l-armi u oġġetti illeċiti oħra, kif ukoll iċ-ċiberkriminalità u t-theddid għaċ-ċibersigurtà, li huma elementi essenzjali ta' approċċ integrat lejn il-kunflitt, il-kriżi u l-kawżi ewlenin tagħhom.

Il-Ftehim irawwem kooperazzjoni msaħħa, kemm settorjali kif ukoll politika, inkluż dwar kwistjonijiet ta' politika barranija ta' interess komuni. Dawn jinkludu ż-żamma tal-paċi, it-terroriżmu, is-sitwazzjonijiet ta' fraġilità, il-piena tal-mewt b'riżervi mingħajr preċedent, iżda wkoll l-infurzar tal-liġi u l-migrazzjoni u l-mobilità. Dwar dan tal-aħħar, impenji ġodda li jirriflettu approċċ komprensiv u bilanċjat jindirizzaw id-diversi dimensjonijiet interkonnessi tal-migrazzjoni legali u irregolari b'mod koerenti. Biex irawwem migrazzjoni u mobilità ġestiti tajjeb, il-Ftehim jippromwovi kooperazzjoni msaħħa bejn is-sħab, l-aġenziji u l-istituzzjonijiet rilevanti, filwaqt li jtejjeb ukoll ir-ritorn u r-riammissjoni, b'aktar prevedibbiltà u infurzabbiltà. L-isfidi komuni se jiġu indirizzati aħjar, inklużi l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari, it-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

Is-sħubija trawwem bil-qawwa l-iżvilupp tal-bniedem u dak soċjali, bl-oġettiv li jiġu indirizzati l-faqar u l-inugwaljanzi, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Kif irrakkomandat fid-direttivi ta' negozjati, fil-Ftehim saru impenji aktar b'saħħithom biex jittejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-servizzi soċjali, bħall-edukazzjoni u s-saħħa, u l-inklużività soċjali. Is-sħab se jikkooperaw biex jindirizzaw aħjar id-diversi sfidi li jiġu ffaċċati bħas-sigurtà tal-ikel, it-tkabbir rapidu tal-popolazzjoni u l-kriżijiet globali tas-saħħa.

Id-djalogu ilu fil-qalba tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati OSAKP għal snin sħaħ u l-Ftehim il-ġdid se jsaħħaħ aktar din id-dimensjoni importanti permezz ta' djalogu ta' sħubija regolari, bilanċjat, komprensiv u sostantiv dwar l-oqsma kollha ta' dan il-Ftehim.

Barra minn hekk, il-Ftehim irawwem kooperazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza taż-żgħażaġħ u ta' diversi sħab inklużi l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-settur privat fit-tiswir ta' futur aħjar. Impenn attiv fid-djalogu u proċessi ta' kooperazzjoni, iżda wkoll hídma kollaborattiva lejn implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim se jkunu kruċjali.

L-elementi kollha msemmija hawn fuq huma interkonnessi u se jkunu kruċjali biex ir-relazzjonijiet ta' bejnietna jittieħdu fil-livell li jmiss. Dan ifisser li l-Protokolli Reġjonali, l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom iridu jirrispettaw f'kull ħin id-dispożizzjonijiet u l-prinċipji li jinsabu fil-Parti Ġenerali tal-Ftehim.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u (8), it-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [kif tinsab fid-dokument tal-Kunsill 8371/23 DCL 1]¹⁰, il-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), ("il-Ftehim"), ġie ffirmat fil-15 ta' Novembru 2023, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Il-Ftehim jirrifletti kemm ir-relazzjoni storikament mill-qrib kif ukoll ir-rabtiet dejjem aktar b'saħħithom li qed jiżviluppaw bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), u x-xewqa tagħhom li jsaħħu u jestendu aktar ir-relazzjonijiet tagħhom b'mod ambizzjuż u innovattiv. Il-Ftehim jiddefinixxi mill-ġdid ir-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, inklużi l-prijoritajiet u l-metodi ta' ħidma fl-oqsma differenti ta' politika li jestendi għalihom il-Ftehim.
- (3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

¹⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill [kif tinsab fid-dokument tal-Kunsill 8371/23 DCL 1] tal-20 ta' Lulju 2023 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), min-naħa l-oħra.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna jew il-persuni li jkollhom is-setgħa jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni, l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 98(2) tal-Ftehim sabiex jesprimu l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tintrabat bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.¹¹

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹¹ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.